# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**ISEM: ______________________________** **KLASSI: __________**

**1.** **Qabbel iż-żewġ listi. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | pesta | | prodott tal-biedja |
| 2. | Federiku II | | tixrid tal-Protestantiżmu |
| 3. | kemmun | | ċentru ta' kummerċ |
| 4. | Il-Lhud | | tmexxija tal-gżejjer Maltin |
| 5. | Martinu Luteru | | żball kbir fir-reliġjon |
| 6. | Dun Axiaq | | il-kap tal-gżira |
| 7. | l-università | | il-kummerċ fir-reġjun tal-Mediterran |
| 8. | Il-Birgu | | sid fewdatarju |
| 9. | Il-Ħakem | 1 | marda qerrieda |
| 10. | Ereżija | | imressaq quddiem l-Inkwiżitur |
| 11. | Gonsalvo Monroi | | familja Hohenstaufen |

**(1 x 10 = 10 marki)**

**2.** **Ikteb jekk hux VERU jew FALZ**

2.1 Fl-1429 sar attakk kbir fuq Malta mill-furbani. ____________________

2.2 Qabel ma ġew Malta l-Kavallieri kienu f'Rodi. ____________________

2.3 Il-Kavallieri ħadu gost li ngħataw lil Malta. ____________________

2.4 Is-sultan ta' Franza ta lil Malta lill-Kavallieri. ____________________

2.5 Fl-1551 Dragut attakka lill-gżejjer Maltin. ____________________

2.6 Il-Kavallieri marru l-Birgu biex ikunu qrib il-Port. ____________________

2.7 In-nobbli ta' l-Imdina għoġbithom il-miġja tal-Kavallieri. ____________________

2.8 Il-Kavallieri bnew il-Fortizza ta' San Mikiel. ____________________

2.9 Ix-xjuħ u l-morda ntbagħtu Sqallija qabel l-Assedju. ____________________

2.10 La Valette ma kienx jaf li t-Torok se jattakkaw lil Malta. ____________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**3. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**

3.1. Fl-istampa jidher xini tal-Vikingi. Mil-liema tliet pajjiżi fit-Tramuntana ta' l-Ewropa ġew dawn in-nies?



______________________________________

______________________________________

______________________________ (3 marki)

3.2. Għaliex kienu jħallu biża' kbir kulfejn jersqu l-Vikingi?

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________ (2 marki)

3.3. F'liema parti ta' Franza niżlu biex joqogħdu hemm?

______________________________________

______________________________ (marka)

3.4 Semmi żewġ differenzi kbar bejn in-Normanni u l-Vikingi.

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

3.5 Għaliex il-Papa kien jista' jserraħ moħħu min-Normanni?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

3.6 It-Tapizzerija ta' Bayeux tfakkarna fir-rebħa Normanna ta'

(l-Italja, l-Awstrija, Malta, l-Iżvizzera, l-Ingilterra) (marka)

3.7 Liema familja Normanna niżlet fl-Italja t'Isfel u rebħet artijiet hemm?

______________________________________________________(marka)

3.8 Min kien Goffredi Malaterra?

______________________________________________________(marka)

3.9 Għid kif Malaterra huwa marbut ma' l-istorja ta' Malta.

______________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

3.10 Ikteb paragrafu fuq il-firxa tan-Normanni fl-Ewropa.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5 marki)

**(total 20 marka)**

**4. <u>Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>**

*"Fil-Medjuevu d-difiża tal-Port il-Kbir kienet tikkonsisti prinċipalment mill-kastell ta' Sant'Anġlu, jew kif kien magħruf ukoll il-Castrum Maris. Kien hemm ukoll xi postijiet oħra fortifikati kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex imma, fil-biċċa l-kbira tagħha, il-popolazzjoni kienet mifruxa 'l hinn u 'l hawn f'ħafna rħula żgħar li llum m'għadhomx jeżistu għaliex ingħaqdu ma' rħula oħra akbar. Dawn nafuhom bħala l-"irħula mitlufa". Il-Maltin kienu jaħdmu fil-biedja imma kien hemm xi wħud fin-negozju u oħrajn jaħdmu f'xi snajja'. Dawn kienu jkunu msieħba fi fratellanzi u l-membri kienu jgħinu lil xulxin f'każ ta' bżonn."*

4.1 Aqta' sinjal taħt erbat irħula li kienu jeżistu fil-Medjuevu imma llum m'għadniex insibu traċċa tagħhom.
(Ħal Tartar, Ħal Arrig, tas-Sliema, San Ġiljan, Ħal Tigan, Pembroke, Ħal Qdieri, Paola, Senglea, Cospicua) (4 marki)

4.2. Minbarra l-*Castrum Maris* kien hemm żewġ postijiet fortifikati oħra fil-Medjuevu. Għid liema kienu.

______________________________________________________________________(2 marki)

4.3 X'kien is-sibi?

______________________________________________________________________(2 marki)

4.4 Semmi ġrajja jew leġġenda marbuta ma' l-attakki tal-furbani fil-gżejjer Maltin fil-Medjuevu.

______________________________________________________________________(marka)

4.5 Semmi żewġ vantaġġi tas-sibi għall-Maltin qabel il-miġja tal-Kavallieri.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

4.6 X'kienu l-fratellanzi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

4.7 Semmi żewġ biżgħat kbar li setgħu jinkwitaw lill-Maltin fiż-Żminijiet tan-Nofs.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

4.8 Fis-silta ssemmiet il-biedja fil-gżejjer Maltin. Ikteb paragrafu fuq l-importanza tal-biedja fil-Medjuevu.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(5 marki)

**(total 20 marka)**

**5. <u>Ikteb it-tifsira ta' dawn il-kliem</u>:**

5.1 katapan

_______________________________________________

_______________________________________________

5.2 dejma

_______________________________________________

_______________________________________________

5.3 kavabuzz

_______________________________________________

_______________________________________________

5.4 fewdu

_______________________________________________

_______________________________________________

5.5 ċensiment

_______________________________________________

_______________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

6. **Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

*"Kristofru Kolombu ma kienx jaf li skopra kontinent ġdid, iżda kien wera lil kulħadd li d-dinja ma kinitx ċatta bħalma kienu jaħsbu sa dak iż-żmien. Kien Amerigo Vespucci li ntebaħ bil-kontinent ġdid u kien għalhekk li l-Amerika ssemmiet għalih. L-iskoperta ta' Kolombu fixklet ħafna nies għaliex in-nies indunaw li ħafna mill-affarijiet li kienu jemmnu ma kinux eżatti. Dan kien perijodu eċċitanti ta' skoperti u invenzjonijiet ġodda li għadna nistagħġbu bihom sal-lum."*

6.1 Semmi żewġ saltniet Ewropej li bagħtu ħafna xwieni lejn id-dinja l-ġdida.

________________________________________(2 marki)

6.2 Għaliex jibqa' magħruf Vasco da Gama?

________________________________________

________________________________________(2 marki)

6.3 Liema strument martittimu għen lill-baħħara biex ibaħħru mingħajr biża' li jintilfu?

________________________________________(marka)

6.4 Aqta' sinjal taħt żewġ prodotti li kienu jiġu fl-Ewropa mill-artijiet il-ġodda.

(qamħ, tabakk, għasel, fidda, qoton, ħadid) (2 marki)

6.5 X'invenzjoni għamel Gutenberg?

________________________________________

________________________________________(2 marki)

6.6 X'importanza kbira kellha din l-invenzjoni?

________________________________________

________________________________________(2 marki)

6.7. Għaliex dan il-perijodu huwa magħruf bħala r-Rinaxximent?

________________________________________

________________________________________(2 marki)

6.8 Aqta' sinjal taħt iż-żewġ pitturi li kienu jgħixu fir-Rinaxximent.

(Mikelanġelo, Picasso, Cezanne, Leonardo da Vinci, Monet) (2 marki)

6.9 Fir-Rinaxximent l-artisti bdew jagħtu kas aktar ta' l-arti li kienu ħallew warajhom żewġ ċiviltajiet kbar. Liema kienu dawn iż-żewġ ċiviltajiet?

________________________________________(2 marki)

6.10 Għaliex Martinu Luteru ħadha kontra l-Knisja Kattolika?

________________________________________

________________________________________(2 marki)

6.11 Liema bażilika importanti kienet qiegħda tittella' f'Ruma f'dak iż-żmien?

________________________________________(marka)

**(total 20 marka)**

**7. <u>Ikteb fit-tul fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti</u>:**

7.1 L-Assedju l-Kbir huwa wieħed mill-akbar ġrajjiet fl-istorja ta' Malta. Iddeskrivi x'ġara matulu.

7.2 Fil-Medjuevu, l-Ewropa kienet titmexxa permezz tas-sistema fewdali. Kif kienet is-soċjetà f'dak iż-żmien?

7.3 X'kienu l-Kruċjati? Kif bdew, x'ġara matulhom u għaliex fallew? **(10 marki)**